MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2007

Numru. 446/2004

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA'
VS
KENNETH GAUCI
COLIN GAUCI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Kenneth Gauci, ta' 32 sena, bin George u Josephine nee' Hili, imwieled Pieta' fid-19 ta' Dicembru 1971, u residenti fi Flat 5, Family Flats, Triq Valletta, Qormi, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 16772(M); u Colin Gauci, ta' 23 sena, bin George u Josephine nee' Hili, imwieled Pieta' fit-23 t'Awissu 1980, u residenti Flat 5, Family Flats, Triq Valletta, Qormi, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 442380(M);
u akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fit-3 ta' Gunju 2004, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zmenijiet

differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

2. sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

3. bl-iskop li jakkwistaw xi hlas taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali, kemm ghalihom infushom jew ghal haddiehor, jew ghal xi skop iehor li ghandu x'jaqsam ma' l-Att dwar is-Servizzi Socjali:

a. xjentement jew bi traskuragni, ghamlu dikjarazzjoni falza jew urew haga b'ohra; jew

b. gabu jew taw, jew ikkagunaw jew gieghlu jew xjentement hallew illi jingieb jew jinghata dokument jew taghrif li kienu taw li kien falz f'haga materjali; jew

c. bi frodi naqsu li jirrapurtaw lid-Direttur tas-Servizzi Socjali, qabel ma rcevew il-hlas, xi bidla fic-cirkostanzi li ghandhom jew tista' jkollha konsegwenza materjali fuq l-ammont jew fuq il-mod kif jinghata dak il-pagament;

4. taht l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Impjieg u Tahrig:

a. taw xi taghrif li kienu jafu li huwa falz f'xi punt importanti, jew minghajr ma mpurtahom, taw xi taghrif li kien falz f'xi punt importanti; jew

b. bil-hsieb li jingannaw, ipproducew, taw, baghtu jew xort'ohra ghamlu uzu minn xi dokument li jkun falz f'xi punt importanti; jew

c. ghax riedu, irrifjutaw li jaghtu jew minghajr raguni legittima (li prova taghha hija ghall-karigu taghhom), ma tawx, xi taghrif importanti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna l-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti, kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-imputati ghal hlas ta' spejjez li

jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol 78), taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputati.

Rat il-verbal tad-29 ta' Settembru 2005, fejn l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-13 ta' Marzu 2006, moghtija mill-Magistrat Dr T. Micallef Trigona LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, moghtija mill-Onor. Imhallef Joseph Galea Debono LL.D., fil-konfront taz-zewg imputati, datata 31 t'Awissu 2006.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz, jirrizulta b'mod ampju, kemm mill-ufficjali tas-Sigurta' Socjali (ara dokumenti esebiti JC1 u JC2 minn fol 33-40 tal-process, kif konfermati minn Herbert Debattista a fol 41-43); kif ukoll mill-ufficjali ta' l-ETC, konfermati minn Fiorenzo Desira a fol 44, u Joseph Chircop mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali a fol 46), illi z-zewg imputati kienu qeghdin jaghmlu xoghol bi gwadann waqt li kienu qed jirregistraw ghax-xoghol u jiehdu ammont sostanzjali ta' servizzi socjali. Dan huwa konfermat mill-ammissjonijiet ta' l-istess imputati, illi jindikaw sahansitra t-terminu ghal dak li huwa zminijiet li fih kienu qed jippercepixxu llegalment minn ammont konsiderevoli ta' beneficcji socjali minghand il-Gvern.

Infatti, dokument JC1 juri bic-car illi l-imputat Kenneth Gauci ha minghand il-Gvern, beneficcji socjali ammontanti ghal erbat elef hames mija u disa u sittin Lira Maltin u

seba' u ghoxrin centezmu (Lm4569.27), waqt illi Colin Gauci bbenefika waqt li kien qed jahdem minn beneficcji socjali ammontanti ghal elfejn tmien mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u disa' u disghin centezmu (Lm2828.99) (ara dokument JC2 a fol 37). Dan sar bi vjolazzjoni ta' Artikolu 117(3) tal-Kap 318 u Artikolu 48(c) tal-Kap 343 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista ta' l-ammissjoni ta' l-imputati fl-istqarriji taghhom, zgur illi jissussisti r-reat kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi jipprovdi:

*'Kull min sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew multa:*
***Izda ebda haga f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabilita' ta' xi ligi ohra li tipprovdi ghal piena oghla**.'*

Din il-Qorti, meta waslet biex takkorda l-piena propizja f'dan il-kaz, rat l-Artikolu 17(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:

*'17: Fil-konkors ta' reati u ta' pieni, jghoddu d-dispozizzjonijiet li gejjin:*
*omissis;*
*(f) persuna misjuba hatja ta' aktar minn reat wiehed li ghalih hemm pieni pekunjarji tinghata l-**piena tal-multa jew ammenda oghla** jew ta' l-oghla multa jew ammenda, skond il-kaz, b'zieda ta' nofs kull wahda mill-multi jew ammendi l-ohra.'*

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fis-sentenza appellata mill-imputati, datata 31 t'Awissu 2006, ikkonfermat biss l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputati, fejn sabet nuqqas ta' htija ghar-rigward ta' l-istess l-ewwel akkuza li tikkontempla r-reat ta' truffa.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputati mhux hatja ta' l-ewwel akkuza li minnha tilliberahom, hatja tat-tielet akkuza, b'assorbiment ghal fini ta' piena tar-raba' akkuza, u wara li rat l-Artikoli 17(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 117(1)(iii) tal-Kap 318, Artikolu 48(c) tal-Kap 343, liema piena hija assorbita fil-piena oghla mahsuba taht il-Kap 318, u tikkundanna lil Kenneth Gauci jhallas multa ta' sitt elef tmien mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u disghin centezmu (Lm6853.90) (rapprezentanti wiehed u nofs is-somma ta' erbat elef hames mija u disa' u sittin Lira Maltin u seba' u ghoxrin centezmu (Lm4569.27), li huwa llegalment ibbenefika minn hlasijiet maghmula mis-servizzi socjali), filwaqt li tikkundanna lil Colin Gauci jhallas multa ta' erbat elef mitejn u tlieta u erbghin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm4243.48) (rapprezentanti wiehed u nofs is-somma ta' elfejn tmien mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u disa' u disghin centezmu (Lm2828.99), li huwa llegalment ibbenefika minn hlasijiet maghmula mis-servizzi socjali). Dawn il-multi jirraprezentaw l-oghla multi ai termini ta' l-Artikolu 17(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre, issib lill-imputati hatja tat-tieni akkuza, u wara li rat l-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 22 tal-Kap 446, tillibera liz-zewg imputati bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn, u dan fil-konfront tat-tieni akkuza.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci tal-kaz, l-eta' ta' l-imputati, u l-fedina penali taghhom.

Il-Qorti qed takkorda lill-imputati fakulta' li tali multi fuq indikati jithallsu b'rati mensili fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------